MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tat-22 ta' Marzu, 2006

Appell Civili Numru. 16/2005

**L-Avukat Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta` estera Goedecke GmbH tal-Germanja**

**vs**

**Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' l-appell tar-rikorrenti *nomine* pprezentat fit-3 ta' Gunju 2005 wara d-Decizjoni tal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali tal-11 ta' Jannar 2005 fir-rigward ta' l-applikazzjoni ghar-registrazzjoni mad-Direttorat ghar-Registrazzjoni tal-Proprjeta` Industrijali, ta' "Supplementary Protection Certificate" dwar privattiva [numru ta' applikazzjoni SPC 4/2004 (PAT/1499)];

Rat in-nota tal-Kontrollur intimat u tar-rikorrenti *nomine* intavolati fis-7 ta' Dicembru 2005;

Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet ta’ l-appellant *nomine* ipprezentata fl-1 ta’ Marzu 2006;

Semghet it-trattazzjoni ta’ l-appell;

Rat l-atti kollha;

Ikkonsidrat:

Kontra c-cahda tal-Kontrollur tal-Proprjeta` Industrijali ta' l-applikazzjonijiet tieghu ghar-registrazzjoni ta' "Supplementary Protection Certificate" dwar privattiva Numru ta' Applikazzjoni SPC 4/2004 (PAT/1499), l-Avukat Dottor Luigi A. Sansone bhala mandatarju specjali tas-socjeta` Goedecke GmbH tal-Germanja ressaq dan l-aggravju illi ghall-kaz kellu japplika d-dispost ta' l-Artikolu 19a (g) ta' l-E.U. Council Regulation EEC Nru. 1768/92 li specifikament jistabbilixxi terminu ghall-prezentata ta' applikazzjonijiet ta' din ix-xorta;

Billi din il-materja gja giet ezaminata minn din il-Qorti fl-Appell Numru 20/05 fl-istess ismijiet qed issir referenza ghall-konsiderazzjonijiet zvolti fiha u taghmilhom applikabbli *mutatis mutandis* ghall-appell odjern.

Ghal dawn il-motivi u in bazi ghall-istess ragunijiet kif imfissra fil-korp tas-sentenza fl-Appell Numru 20/05, deciz kontestwalment, l-appell prezenti qed jigi respint. In vista tan-novita` tal-kaz l-ispejjez ta' din il-procedura jibqghu bla taxxa bejn il-kontendenti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM------------------------------